**A.L. ______ tal-2026**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2026 dwar il-Protezzjoni u l-Immaniġġar tad-Dwejra**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar il-Protezzjoni u l-Immaniġġar tad-Dwejra.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) iħarsu u jissalvagwardjaw l-ekoloġija, il-ġeoloġija, il-ġeomorfoloġija, il-fiżjografija, il-pajsaġġ, l-ambjenti naturali u l-karatteristiċi taż-żona tad-Dwejra-Qawra u l-madwar;

(b) jissalvagwardjaw l-bijodiversità tas-sit permezz tal-konservazzjoni tal-ambjenti naturali tagħha u tal-flora u l-fawna selvaġġa;

(ċ) jassiguraw l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali taż-żona tad-Dwejra-Qawra u l-madwar; u

L.S. 549.44.

(d) isaħħu l-protezzjoni taż-żona tad-Dwejra-Qawra bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali u Żoni ta' Protezzjoni Speċjali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

L.S. 549.44.

"aljeni" għandu jkollha l-istess tifsira bħat-tifsira "barrani" kif imfissra fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali;

Kap. 549.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita fl-artikolu 6 tal-Att;

L.S. 549.44.

"endemika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali;

"indiġeni" tfisser speċi lokali li jinstabu b'mod naturali fis-sit protett u li mhumiex speċi aljeni, u jinkludu speċi li huma possibilment lokali u, jew endemiċi. Indiġeni tinkludi wkoll sottospeċi u klassifikazzjonijiet oħra infraspeċifiċi;

"karatteristiċi ġeoloġiċi" jinkludu s-sodda tal-blat, il-minerali u l-karatteristiċi paleontoloġiċi;

"karatteristiċi ġeomorfoloġiċi" jinkludu karatteristiċi fiżiċi, topografiċi u batrimetriċi maħluqa minn proċessi fiżiċi, kimiċi jew bijoloġiċi li joperaw minn jew viċin wiċċ l-art;

"Kumitat ta' Tmexxija" tfisser il-Kumitat ta' Tmexxija tad-Dwejra hekk kif stabbilit fir-regolament 5;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

L.S. 552.02.

"*offroading*" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar *Offroading* minn Vetturi bil-Mutur;

L.S. 549.44.

"pjan ta' tmexxija" tfisser il-Pjan ta' Tmexxija Natura 2000 jew, miżuri ta' konservazzjoni ekwivalenti kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali;

"sit protett" tfisser iż-żona delineata fil-mappa tas-sit fl-Iskeda I;

"skopijiet ta' divertiment" jinkludu iżda mhumiex limitati għal-logħob tan-nar, ħġejjeġ, barbecue jew nirien ħdejn kampijiet;

"Żona 1" tfisser żona strettament ristretta kif delineata fil-mappa tas-sit fl-Iskeda II, fejn l-

ikkampjar u tqabbid ta’ nar għal skopijiet ta’ divertiment mhux permess;

"Żona 2" tfisser żona ristretta kif delineata fil-mappa tas-sit fl-Iskeda II, fejn l-ikkampjar u tqabbid ta’ nar għal skopijiet ta’ divertiment mhux permess, sakemm ma jkunx awtorizzat minn qabel mill-awtorità kompetenti; u

L.S. 549.44.

"Żona Speċjali ta’ Konservazzjoni ta’ Importanza Internazzjonali" u "Żona ta’ Protezzjoni Speċjali" għandhu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali.

Dikjarazzjoni ta’ Żona Speċjali ta’ Importanza Ġeoloġika.

**3.** Il-Ministru b’dan jiddikjara ż-żona tad-Dwejra-Qawra u l-madwar tagħhom fil-punent ta’ Għawdex, kif delineat fil-mappa tas-sit fl-Iskeda I bħala Żona Speċjali ta’ Importanza Ġeoloġika.

Implimentazzjoni.

L.S. 549.44.

**4.** Għall-fini tal-implimentazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista’ tidħol fi ftehim ta’ tmexxija skont ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali, biex taħtar amministratur tas-sit li jkun responsabbli għat-twettiq ta’ ħidmiet speċifiċi relatati maż-Żoni Speċjali ta’ Konservazzjoni ta’ Importanza Internazzjonali, Żoni ta’ Protezzjoni Speċjali u Żona Speċjali ta’ Importanza Ġeoloġika.

Il-Kumitat ta’ Tmexxija tad-Dwejra.

**5.** (1) Il-Kumitat ta’ Tmexxija tad-Dwejra qiegħed b’dan jiġi mwaqqaf.

(2) Il-Kumitat ta’ Tmexxija għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn seba’ (7) membri li għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta’ tliet (3) snin, liema perjodu jista’ jiġi mġedded, kif ġej:

(a) Chairperson;

(b) rappreżentant tal-awtorità kompetenti;

(ċ) rappreżentant tal-Ministru responsabbli għall-ambjent;

(d) rappreżentant tal-Ministru responsabbli għal Għawdex;

(e) rappreżentant mill-Kunsill Lokali ta’ San Lawrenz;

(f) membru (1) espert fil-ġeoloġija, l-ekoloġija jew l-konservazzjoni tal-ambjenti naturali u l-fawna u l-flora;

(g) membru (1) li jirrappreżenta organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti; u

(h) kwalunkwe rappreżentant ieħor li l-Ministru jidhrilha xieraq.

(3) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-Kumitat ta' Tmexxija jistgħu jirriżenjaw mill-kariga tagħhom fi kwalunkwe ħin b' avviż bil-miktub lill-Ministru:

Iżda wkoll l-Ministru tista' fi kwalunkwe żmien tneħħi liċ-Chairperson u, jew lil xi wieħed mill-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija, permezz ta' avviż bil-miktub fuq raġunijiet ta' diżabilità biex iwettqu l-funzjoni tagħhom jew negliġenza fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jirregola l-proċeduri tiegħu.

(5) Il-Ministru għandha taħtar segretarju biex jassisti l-Kumitat ta' Tmexxija, li jista jkun rappreżentant mill-Awtorità Kompetenti.

(6) Il-kworum tal-Kumitat ta' Tmexxija għandu jikkonsisti miċ-Chairperson u mhux inqas minn nofs in-numru ta' membri li għandhom vot. Iċ-Chairperson għandu jkollu vot oriġinali u, meta l-voti jiġu indaqs, ikollu t-tieni vot jew vot deċiżiv.

Funzjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija.

**6.** (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkollu r-responsabbiltà li jassisti lill-awtorità kompetenti fl-implimentazzjoni u superviżjoni tal-:

(a) pjanijiet ta' tmexxija, ordnijiet ta' konservazzjoni u, jew avviżi ta' protezzjoni stabbiliti għaż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali u ż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali fi ħdan is-sit protett; u

(b) miżuri ta' konservazzjoni għaż-Żona Speċjali ta' Importanza Ġeoloġika kif delineata fil-mappa tas-sit fl-Iskeda I.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), il-Kumitat ta' Tmexxija għandu ukoll jaġixxi bħala punt ta' riferiment bejn il-Gvern, il-partijiet konċernati u l-organizzazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' tmexxija, ordnijiet ta' konservazzjoni jew avviżi ta' protezzjoni rilevanti.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jipprovdi rapport annwali tal-attivitajiet tiegħu lill-

Ministru u lill-awtorità kompetenti.

Kontroll tal-attivitajiet fis-sit protett.
L.S. 549.44.
L.S. 552.02.

**7.** (1) Sakemm ma jkollhiex awtorizzazzjoni maħruġa minn qabel mill-awtorità kompetenti skont kif applikabbli, u bla ħsara għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u r-Regolamenti dwar Offroading minn Vetturi bil-Mutur, ebda persuna ma għandha:

(a) fil-konfini tas-sit protett taqbad, tikkaċċja, tiġbor, tieħu, tiġri wara, tonsob, taqta', taqla', teqred, tikkaġuna ħsara, toqtol, toħloq impatti negattivi, tiddisturba, iżżomm jew tippossjedi kwalnunkwe eżemplar ta' speċi ta' flora u fawna indiġena:

L.S. 549.42.
L.S. 549.90.

Iżda r-restrizzjonijiet fuq il-kaċċa u l-insib tal-għasafar u l-fenek selvaġġ għandhom ikunu rregolati permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ;

(b) tixtri, tbiegħ, tpartat, tirreklama jew b'xi mod tinnegozja, tittrasporta jew tesporta kwalunkwe eżemplar ta' speċi ta' flora u fawna indiġena meħud mill-parti terrestri tas-sit protett;

(ċ) deliberatament teqred jew tikkaġuna ħsara lill-siti ta' tnisssil jew postijiet ta' mistrieħ tal-għasafar fis-sit protett;

(d) tiġbor jew taqla' fossili mis-sit protett;

(e) titlaq u, jew b'xi mod intenzjonalment tassisti l-istabbiliment jew l-istabbiliment potenzjali, ta' speċi ta' flora u fawna li mhumiex indiġeni fis-sit protett, jew tippermetti li dawn l-ispeċi jaħarbu;

L.S. 549.123.
L.S. 549.119.

Iżda bla ħsara għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar u r-Regolamenti dwar Kontrol ta' Speċi Aljeni Invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni Ewropea, jisgħu jitħawlu u jinżergħu pjanti agrikoli jew ortikulturali ġewwa għelieqi reġistrati għall-użu agrikolu mad-Direttorat tal-Agrikoltura;

(f) twettaq attività, intervent, operazzjoni jew xi xogħol li tikkaġuna ħsara jew li tkun raġonevolment mistenni li tħalli impatt negattiv fuq il-bijodiversità, ġeoloġija, ġeomorfoloġija,

fiżjografija jew karatteristiċi tal-pajsaġġ tas-sit protett, jew parti minnu;

(g) taqta', tħaffer, twitti jew tgħatti b'mod permanenti s-sodda jew wiċċ tal-blat fis-sit protett jew, tibni xi struttura jew pedament fih;

(h) tarmi, tiddepożita, tferra', titfa' jew tqiegħed xi skart, jew kwalunkwe tip ieħor ta' skart, żibel, żrar jew sustanza dannuża, jew tħalli warajha kwalunkwe materjal ta' dan it-tip inkluż fdalijiet tal-barbecue, fis-sit protett;

(i) tikkawża jew tippermeti li tiġi kkawżata mużika għolja jew kwalunkwe storbju bla bżonn fil-parti terrestri tas-sit protett;

Avviż lill-Baħħara Numru 44 ta' 2020.

(j) tikkawża jew tippermeti li tiġi kkawżata mużika għolja jew kwalunkwe storbju bla bżonn fil-parti tal-baħar tas-sit protett skont l-Avviż lill-Baħħara Numru 44 ta' 2020;

(k) issuq, tipparkja, tirmonka, jew tpoġġi kwalunkwe caravan fis-sit protett;

(l) tagħmel offroading b'vettura bil-mutur fis-sit protett iżda parkeġġ jew sewqan ta' vetturi agrikoli fuq raba' maħduma kif raġonevolment meħtieġ għal fini tal-koltivazzjoni tal-istess raba' mhuwiex projbit;

(m) tqabbad jew tipprova tqabbad nar għal skopijiet ta' divertiment fiż-żoni delineati fil-mappa tas-sit fl-Iskeda II;

(n) tikkampja fiż-żoni delineati fil-mappa tas-sit fl-Iskeda II.

Restrizzjonijet fuq id-dawl fis-sit protett.

(2) Fis-sit protett:

(a) l-ebda dawl ma għandu jiġi proġettat fuq l-irdumijet;

(b) dwal fuq l-art għandhom ikunu mitfija bejn nofsillejl u tlugħ ix-xemx:

Iżda dan ma japplikax għal dawl estern meħtieġ għas-sigurtà;

(ċ) bejn inżul ix-xemx sa tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara, kwalunkwe bastiment għandu jitfi d-dwal esterni kollha ħlief dawk strettament meħtieġa għas-sigurtà abbord, għas-sigurtà tan-navigazzjoni jew għas-sajd:

Iżda dan ma japplikax għal dawl estern minimu sabiex tkun żgurata s-sigurtà abbord;

(d) l-installazzjoni ta' kwalunkwe attrezzattura tad-dawl estern permanenti ġdida għandha tkun projbita sakemm mhux b'permess mill-Awtorità:

Iżda għandu jkun hemm presunzjoni kontra l-approvazzjoni ta' dawl ġdid estern għal intrapriżi kummerċjali;

(e) kwalunkwe dawl fil-barrieri li qegħdin fiż-żona indikata fl-Iskeda III ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun shielded, sabiex ikun iħares 'l isfel b'mod li d-dija tad-dawl ma tkunx 'il fuq mill-orizzont u ma jkollux temperatura tal-kulur ta' korrelazzjoni (CCT) aktar minn 2700 Kelvin;

(f) l-awtorità kompetenti tista' timponi fi stadji, li kwalunkwe dawl estern ikun shielded, sabiex ikun iħares 'l isfel b'mod li d-dija tad-dawl ma tkunx 'il fuq mill-orizzont u ma jkollux temperatura tal-kulur ta' korrelazzjoni (CCT) aktar minn 2700 Kelvin.

Restrizzjonijiet fuq is-sajd bil-ħarpun fis-sit protett.

(3) Fil-baħar fis-sit protett, ebda persuna ma tista' tistad bil-ħarpun biċ-ċilindri fi kwalunkwe ħin u ebda persuna ma tista' tistad bil-ħarpun bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx.

Permessi.

**8.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' tagħti, jew parzjalment tagħti, jew tirrifjuta applikazzjoni għal permess għal kwalunkwe attività jew operazzjoni.

Reati u pieni.

**9.** (1) Kull persuna li volontarjament jew b'imprudenza, negliġenza jew inkompetenza:

(a) tonqos milli tosserva kwalunkwe kondizzjoni ta' permess maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew, xi ordni oħra leġittimament mogħtija skont l-Att;

(ċ) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, ordni, jew ħtieġa imposta minn jew bis-saħħa ta' dawn ir- regolamenti;

(d) taġixxi b'kontravenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

DRAFT

(e) tiftiehem, tgħin, tħajjar, tagħti parir, tinstiga, tipprokura jew konxjament tippermetti lil kwalunkwe persuna oħra sabiex tikser jew tonqos milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi restrizzjoni, ordni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti;

(f) tipprova tagħmel kwalunkwe att kif indikat fil-paragrafi (a) sa (e) ; jew

(g) tagħmel stqarrija jew tippreżenta informazzjoni jew dokumentazzjoni, li l-persuna tkun taf li hija falza bil-għan li tikseb l-approvazzjoni ta' permess skont dawn ir-regolamenti

għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinstab ħatja, teħel:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa kif indikat fl-Iskeda IV ta' dawn ir-regolamenti;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, multa kif indikat fl-Iskeda IV ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, waqt li tkun qiegħda tikkonsidra gravità tar-reat il-Qorti tista' tikkunsidra, fost l-oħrajn, dawn il-fatturi li ġejjin:

(i) id-dannu potenzjali lill-ambjent naturali jew lil speċi ta' importanza nazzjonali jew internazzjonali b'konsegwenza tar-reat;

(ii) il-valur intrinsiku jew il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi ta' kwalunkwe flora u fawna, ambjenti naturali, karatteristiċi naturali jew tal-pajsaġġ tas-sit protett;

(iii) il-ħsara possibbli li tista' ssir permezz tal-introduzzjoni ta' speċi li mhumiex indiġeni fis-sit protett; u

(iv) l-impatt ta' dak ir-reat fuq il-pubbliku in ġenerali minħabba n-natura tal-post, l-ispeċi jew l-ambjenti naturali affettwat jew kwalunkwe kunsiderazzjoni simili oħra inerenti għan-natura tar-reat.

(3) Il-Qorti għandha tordna lil persuna misjuba ħatja tar-reat sabiex tneħħi dak kollu li jkun sar bi ksur tal-liġi, kif ukoll dak kollu li sar mingħajr il-permess, fi żmien suffiċjenti biex dan ikun jista' jsir, liema żmien ma għandux jeċċedi l-perjodu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza, kif stabbilit mill-Qorti, u jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiż-żmien mogħti lilha, hija għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sittin euro (€60) iżda mhux iżjed minn mija u għoxrin euro (€120), kif il-Qorti tista' tistabbilixxi għal kull ġurnata li hija tkompli tonqos wara il-perjodu mogħti lilha.

(4) Kull persuna li tkun instabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti għandha tħallas ukoll l-ispejjeż kollha li jkunu saru għar-rimedjar tal-ħsara kaġunata minn tali ksur, u għal kull spiża oħra inkorsa jew miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa biex jirrimedjaw dak l-għemil, ħsara u ksur.

Kap. 9.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika miż-żamma jew l-akkwist ta' xi permess jew awtorità ma għandha qatt tkun inqas minn sena (1).

---

DRAFT

**SKEDA I**

Żona Speċjali ta' Importanza Ġeoloġika (Dwejra-Qawra u l-madwar)

(Regolament 3)



## SKEDA II

Żoni fejn japplikaw ir-restrizzjonijiet stabbiliti taħt ir-regolament 7(1) paragrafi (m) u (n)



**SKEDA IIII**

Regolament 7(2) paragrafu (e)



**SKEDA IV**

**MULTI APPLIKABBLI**

(Regolament 9)

Multi applikabbli għal reati skont ir-regolament 9:

| Reat bi ksur ta’: | MULTI APPLIKABBLI (€) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | L-ewwel reat | | It-tieni reat jew reat sussegwenti | |
| | Min | Max | Min | Max |
| Regolament 7(1)(k) u 7(1)(l) | 150 | 2,500 | 500 | 10,000 |
| Regolament 7(1)(a) u 7(1)(b) | 500 għal kull eżemplari | 2,500 għal kull eżemplari | 1,200 għal kull eżemplari | 5,000 għal kull eżemplari |
| Regolament 7(1)(d), 7(1)(i), 7(1)(j), 7(1)(m), 7(1)(n) u 7(2) | 500 | 2,500 | 750 | 10,000 |
| Regolament 7(1)(h) | 650 | 4,000 | 1000 | 15,000 |
| Regolament 7(1)(ċ), 7(1)(e), 7(1)(f), u 7(1)(g) | 750 | 5,000 | 1250 | 20,000 |
| Reati oħra | 500 | 2,500 | 750 | 10,000 |

DRAFT